ĦAL GĦAXAQ

Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru.58 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2013, fis-6.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Attard |
| | Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

## Aġenda

1. Laqgħa Annwali;
2. Rapport ta' Ħidma;
3. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-Sena 2013;
4. Suġġerimenti.

## 1. Laqgħa Annwali

Minħabba li l-Laqgħa Annwali ma saritx għax m' attenda ħadd, minkejja li kienet avżata, il-Kunsill xorta ltaqa' f'seduta ordinarja tal-Kunsill.

Ma kienx hemm suġġerimenti li l-Kunsill kellu jiddiskuti b'mod partikolari fl-Aġendi sussegwenti tiegħu jew li b'xi mod ibiddlu xi stimi għall-*Budget* li tħejja għas-sena li ġejja.

## 2. Rapport ta' Ħidma

Is-Segretarju ppreżentat ir-Rapport ta' Ħidma (app. 1) li ħejjiet. Il-Membri ma' talbu l-ebda tibdil biex isir fih u għalhekk is-Sur Vassallo ressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Issekonda is-Sur Alan Picco u ġie approvat.

Sandanittant is-Sindku qara d-Diskors tiegħu dwar il-Ħidma tal-Kunsill matul 2012. (app. 2).

## 3. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2013;

Il-Viċi Sindku u *Chairperson* tal-Kumitat tal-Finanzi, s-Sur Abdilla staqsa jekk kienx hemm osservazzjonijiet li jimmeritaw ċaqlieq fl-abbozz li tħejja għall- Estimi Finanzjarji għas-sena 2013 (app. 2) li tibda f'1 ta' Jannar 2013 li ġie diskuss f'seduta preċedenti tal-Kunsill fejn id-dħul li huwa antiċipat wara li l-Gvern alloka bħala findi s-somma ta' €307,582.00 u li d-dħul se jkun ta' €414,998.00, ħruġ se jkun ta' €346,020.00 u jibqa' bilanċ ta' €1,315.18. (app. 3).

Minħabba li ma kien hemm l-ebda ċaqlieq is-Sur Abdilla ppropona li l-Estimi jiġu approvati.

Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill approvahom unanimament.

## 4. Suġġerimenti mill-Kunsilliera

1. Is-Sur Alan Picco qal li l-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet biex jiġi pprintjat il-fuljett tal-Kunsill dawn kienu mingħand:

| | |
|---|---|
| Palprint Press | €1150 + 5% VAT li jinkludi *Proof reading* u *Artwork* |
| Veritas Press | €1102 mingħajr *Proof reading* u *layout tat-text* |
| Bestprint | €1200 + 5% VAT |

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni tal-Palprint li hija l-aktar waħda vantaġġuża għal 1,800 kopja. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Segretarju qalet li daħal ilment mingħand is-Sur Emanuel Mizzi li ried ikun jaf għaliex ma ngħatax it-*tender* tal-*Bulky Refuse* sentejn u nofs ilu. Ġie spjegat lis-Sur Mizzi li l-kwotazzjoni tiegħu kienet l-aktar waħda għolja.

3. Saret diskussjoni dwar it-*tenders* tal-*Playing Field Equipment* u s-Segretarju qalet li l-*Project Manager* is-Sur A. Attard qal li l-aħjar *tenders* kienu tal-JGC u Forestals. Is-Segretarju qalet li l-Forestals ma pprovdewx l-*Insurance Policy* li kienet mitluba fl-*Instructions to Tenderers*. Qalet ukoll li għalkemm hi avviċinat lill-Forestals dwar dan il-Forestals xorta ma prrovdewx din l-*Policy.*

   Wara li l-Kunsill ra l-vantaġġi u zvantaġġi, d-deċiżjoni kienet li t-*tender* jingħata lil-JGC minħabba l-prezz vantaġġuz u li l-*outdoor equipment* kien se jkun doppju. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Segretarju staqsiet kif il-Kunsill se jibqa' dwar it-*tender* tal-Periti minħabba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ssuġġerixxa li l-Perit preżenti jibqa' sakemm jispiċċa x-xogħol li qiegħed jispezzjona u l-Perit li jinħatar ġdid jibda fuq proġetti ġodda tal-Kunsill.

   Il-Kunsill iddeċieda li fil-ġejjieni qarib joħloq *board* biex jevalwa it-*tenders* tal-Periti.

5. Il-Viċi Sindku, s-Sur Abdilla qal li hemm xi tabelli fejn l-ismijiet tat-toroq mhux qed jidhru. Il-Kunsill qabel li dawn jittranġaw.

6. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-ħtieġa ta' mera kbira għal Triq Giammari Farrugia c/w Triq Santa Marija, tabelli '*No Entry*' għal *Bypass* u '*STOP' sign* għal Bir id-Deheb, isem tat-Triq ta' Loretu, Parking within the Lines ghal Triq Dgezwira. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sur Alan Picco qal li l-bozza li hemm fuq No. 16 Triq tas-Salib qegħda tpetpet biex tiġi rranġata. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sinjura Rose Agius staqsiet jekk persuni li jieħdu sehem fil-karnival kienux se jingħataw xi ħaġa ta l-ispejjeż. Is-Sindku qal li l-parteċipazzjoni se tkun volontarja għajr dawk il-gruppi li se jiġu mistiedna mill-Kunsill.

9. Is-Sindku qal li fi Triq Giużeppi Demicoli u is-*service road* tal-Bypass hemm il-ħtieġa li jsir xi *patching*. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sindku qal ukoll li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak biex jimtlew ħofor fit-toroq. Il-Kunsill qabel.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku ressaq l-aġġornament tas-Seduta fit-8.00pm għal nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2013, peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

| | |
|---|---|
| Emanuel Vassallo | Therese Xuereb |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**<u>Ikkonfermati :- it-Tnejn 18 ta' Frar 2013, fit-3.00pm</u>**